TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

**TRIBUNAL GĦAL *TALBIET TAL-KONSUMATUR***

*Talba CCT 132/23/F*

**Christopher Aquilina u Caroline Aquilina**

**vs**

**En Vie Ltd. (C-42823)**

Illum, 13 ta' Mejju 2024

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrenti nhar il-25 ta' Lulju 2023;

Ra r-Risposta ppreżentata mill-azjenda intimata fit-12 ta' Settembru 2023;

Sema' x-xhieda tal-Partijiet bil-ġurament;

Ra d-dokumenti ppreżentat;

Ra li t-Talba tħalliet għas-sentenza.

**Ikkonsidra:**

Illi permezz tal-Avviż tat-Talba ppreżentat minnhom, ir-Rikorrenti qed jitolbu li jiġu rifużi s-somma ta' erbat' elef u mitejn Euro (€4,200) rappreżentanti l-prezz li ħallsu għal sett bibien interni ordnati mingħand l-azjenda intimata li jsostnu li huma f'kulur differenti minn dak ordnat fuq kampjun provdut mill-azjenda intimata. Għalhekk, qed jitolbu impliċitament il-ħall tal-bejgħ għax il-bibien kif provduti m'għandhomx bżonnhom.

Illi permezz tar-Risposta tagħha, l-azjenda intimata eċċepiet illi t-Talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt għax ma tistax tinżamm responsabbli għal kwalsiasi varjanza fil-kulur tal-bibien minħabba li dan jiġri minħabba ċirkostanzi indipendenti minn xi intervent tagħha u tgħid ukoll li fit-termini u kundizzjonijiet tal-bejgħ tagħha, li magħhom qablu r-Rikorrenti, jipprovdu għal din il-possibilità.

Illi r-Rikorrenti Karen Aquilina spjegat li meta waslu l-bibien in kwistjoni, indunat mill-ewwel li l-kulur tagħhom ma kellu x'jaqsam xejn mal-kapjun li fuqu bbażaw l-ordni tagħhom u ċioè dak "A-10 Venge". Dan il-kampjun kif ukoll ritratti tal-bibien provduti ġew eżebiti in atti. Ilmentat ukoll mill-fatt li x-xambrelli provduti kienu saħansitra ta' kulur abjad li jkompli jikkonferma kemm fil-fatt kien hemm żball fl-ordni minn naħa tal-azjenda intimata.

Illi mill-banda l-oħra, fix-xhieda tiegħu, Saviour Galea in rappreżentanza tal-azjenda intimata sostna li ma kien hemm l-ebda żball fl-ipproċessar tal-ordni u li allura, il-varjanza fil-kulur tal-bibien hija riżultat tal-kulur naturali tal-fuljetta tal-injam li tintuża fil-prodott. In kontro-eżami, jammetti li x-xambrelli probabbilment ġew bojod bi żball.

Illi mill-fatturi kollha eżaminati mit-Tribunal f'dan il-każ huwa aktar minn ovvju ankè *ictu oculi* li l-ordni tal-bibien ġiet ipproċessata b'mod żbaljat u allura l-prodott konsenjat mhuwiex dak li effettivament ordnaw ir-Rikorrenti dan għax ma hemm l-ebda similarità – lanqas remota – bejn il-kampjun u l-prodott konsenjat. Għalhekk, it-Talba tar-Rikorrenti hija mistħoqqa.

Illi l-Artikolu 74(1) tal-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta jtenni li *"fil-każ ta' nuqqas ta' konformità, il-konsumatur għandu jkun intitolat li jkollu l-oġġetti miġjuba f'konformità jew li jirċievi tnaqqis proporzjonat fil-prezz, jew li jittermina l-kuntratt [...]"*;

Illi minn naħa tagħhom fis-seduta tat-8 ta' April 2024, ir-rappreżentant legali tar-Rikorrenti iddikjara li r-rimedju prospettat minnhom huwa li l-bibien in kwistjoni jiġu miġbura lura mill-azjenda intimata u jiġu sprejjati f'kulur abjad matt a spejjeż tal-istess azjenda intimata.

Illi fiċ-ċirkostanzi, it-Tribunal iqis li dak mitlub mir-Rikorrenti huwa rimedju ġust u li addirittura l-inqas li jimponi spejjeż fuq il-bejjiegħ meta mqabbel ma rimedji oħra possibbli ai fini tal-Artikolu 75(1) tal-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għalhekk ma hemm l-ebda raġuni għalfejn it-Tribunal m'għandux jagħmel ordni kif mitlub.

**Deċċiżjoni**

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi jilqagħha, u filwaqt li jiddikjara li l-bibien u x-xambrelli in kwistjoni huma afflitti minn difetti ossija nuqqas ta' konformità:**

**Jordna lill-azjenda intimata sabiex fi żmien xahrejn mid-data ta' din is-sentenza tieħu lura l-bibien u x-xambrelli in kwistjoni u tisprejja l-istess f'kulur abjad matt a spejjeż esklussivi tagħha u imbagħad tinstalla l-istess fil-fond tar-Rikorrenti skont kif miftiehem fil-kuntratt tal-bejgħ.**

**Spejjeż ta' dawn il-proċeduri ikunu interament a karigu tal-azjenda intimata.**

**Avv. Mattia Felice LL.B., LL.D.**
***Arbitru***